*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,125, 14 ta' Settembru, 2007*
*Taqsima B*

**A.L. 253 ta' l-2007**

## ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

### Regolamenti ta' l-2007 dwar Kumitat li jagħti Pariri fuq il-Politika ta' Immunizzazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar Kumitat li jagħti Pariri fuq il-Politika ta' Immunizzazzjoni.

Twaqqif ta' Kumitat.

**2.** Għandu jitwaqqaf mill-Ministru responsabbli għas-saħħa Kumitat li jagħti Pariri fuq il-Politika ta' Immunizzazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

Dmirijiet tal-Kumitat.

**3.** Ikun id-dmir tal-Kumitat li:

(a) iġib 'il quddiem konoxxenza tal-programm ta' immunizzazzjoni, u sostenn għalih, fost il-professjonisti u l-pubbliku ġenerali;

(b) iżomm ruħu aġġornat dwar l-aħħar riċerka fl-iżvilupp tal-vaċċini;

(ċ) jagħti parir lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika dwar il-prioritajiet li għandhom japplikaw fil-programm ta' vaċċinazzjoni fi żmien qasir, medju u fit-tul;

(d) jiżviluppa rakkomandazzjonijiet dwar l-amministrazzjoni ta' vaċċini li tingħata b'rutina;

(e) joħroġ linji direttivi dwar dosaġġ, perjodiċità u kontra-indikazzjonijiet li japplikaw għal vaċċini individwali;

(f) jagħti pariri skond ma jista' jiġi mitlub jagħmel mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Ghamla tal-Kumitat.

**4.** (1) Il-Kumitat għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) president li jiġi nominat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

(b) speċjalista fil-Mediċina tas-Saħħa Pubblika;

(ċ) speċjalista fil-Pedjatrija;

(d) speċjalista fil-Viroloġija;

(e) speċjalista fil-Mikrobioloġija/Batterjoloġija;

(f) speċjalista fil-Mard Infettiv;

(g) spiżjar.

(2) Għandu jkun hemm Segretarju tal-Kumitat li jinħatar mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Regolament tal-proċedura.

**5.** Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

**L.N. 253 of 2007**

## PUBLIC HEALTH ACT
## (CAP. 465)

### Advisory Committee on Immunisation Policy Regulations, 2007

IN exercise of the powers conferred by article 25 of the Public Health Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Advisory Committee on Immunisation Policy Regulations, 2007. Title.

**2.** There shall be established by the Minister responsible for health an Advisory Committee on Immunisation Policy, hereinafter referred to as "the Committee". Establishment of Committee.

**3.** It shall be the duty of the Committee to: Duties of the Committee.

(a) promote the understanding of, and support for, the immunisation programme among professionals and the public at large;

(b) keep abreast of the latest research in vaccine development;

(c) advise the Superintendent of Public Health with respect to vaccination programme priorities in the short, medium and long term;

(d) develop written recommendations for the routine administration of vaccines;

(e) issue guidelines regarding dosages, periodicity and contraindications applicable to individual vaccines;

(f) tender advice as may be requested by the Superintendent of Public Health.

**4.** (1) The Committee shall be composed as follows: Composition of the Committee.

(a) a chairperson to be nominated by the Superintendent of Public Health;

(b) a specialist in Public Health Medicine;

(c) a specialist in Paediatrics;

(d) a specialist in Virology;

(e) a specialist in Microbiology/Bacteriology;

(f) a specialist in Infectious Disease;

(g) a pharmacist.

(2) There shall be a Secretary to the Committee who shall be appointed by the Superintendent of Public Health.

Regulation of procedure.

**5.** The Committee shall regulate its own procedure.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
Lm0.08 (€0.19)